MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Numru 923/2003

Il-Pulizija

(Spettur Alfred Mallia)

versus

George Farrugia

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet magħmula kontra George Farrugia ta’ 42 sena bin Nicholas u Rose nee Debono imwieled Bormla fis-6 t’Awwissu, 1960 residenti Block 6 Flat 4 Triq Testaferrata Ta’ Xbiex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numkru 554160 (M) akkużat talli fl-Isla nhar il-Ħadd 26 t’Ottubru, 2003 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta’ wara nofs in-nhar

(1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 1594 Brian Caruana persuan inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti u kkagunalu ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu skond kif medikament iċċertifika Dr.M.Mallia MD miċ-Ċentru tas-Saħħa Paola;
(2) fl-istess data, lok u ħin inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq PS Caruana persuan inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubblik waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
(3) Talli fl-istess data, lok u ħin atttakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebab ta’ xort’oħra li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra PC 684 G.Formosa, PC 384 G.Geneovese u PC 1600 O.Gatt, persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaġixxu għall-eekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;
(4) Talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta’ l-imsemmija uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu d-dmirijiet tagħhom u iżjed ma ħalliex jew b’xi mod ieħor fixkel lill-pulizija milli jagħmlu d-dmirijiet tagħhom;
(5) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, żamm jew ġarr arma regolari u cioe’ sikkina mingħajr l-liċenzja maħruġa f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija;
(6) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma darab, hedded b’din l-arma regolari., strument bil-ponta, sikkina, lil Robert William mill-Isla bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jagħmillu ħsara;
(7) Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ, propjeta’ pubblika, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix il-ħames mitt lira Maltin (Lm500) għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;
(8) Fl-istess data, lok u ħin volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’għajjat, kliem oxxen, dagħa, ġlied jew mod ieħor;

(9) Kif ukoll sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija ,mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi;
(10) Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-kunsens ta' l-Avuakt Ġenerali biex din il-kawża tkun ittrattata b'mod sommarju, il-fedina penali twila ta' l-imputat, u l-verbali kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat il-verbal ta' l-1 ta' Marzu, 2004 fejn l-imputat minn jeddu u mingħajr theddid irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Ingħata żmien biex jerġa' jaħsibha iżda l-imputat ma biddilx fehmtu.

Il-Qorti rat li l-fatti inkriminanti seħħew ġewwa l-Isla meta l-imputat ma riedx iħallas meta kien qed jixrob ġewwa s-Senglea Social Club u beda jhedded in-nies b'sikkina. Huwa bed jħebb għall-Pulizija u arrestawh. Eventwalment talab biex iġibhulu tabib minħabba li ried imur Mount Carmel. Meta wasal it-tabib, beda jirrifjuta u ried li jmur il-lock up. Malli daħal fil-lock up, huwa ra sharpner u belagħha. Minn hemm mar il-polyclinic tal-Furjana fejn kellu xi jgħid man-nurses u mat-tabib u spiċċa l-Isptar San Luqa. L-għada kien operat. Lill-Pulizija kien tahom 'hard time' u qattgħalhom xi uniformijiet. Jidher li dan l-inkwiet beda kollu għaliex l-imputat allega li kellu jieħu xi flus minn għand il-barman iżda ma ndunax li l-barman kien tbiddel.

Minħabba li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kontrih ma tantx hemm xhieda aktar li wieħed jista' joħroġ il-punti slajenti tagħhom.

Galadarba kien hemm din l-ammissjoni, l-imputazzjonijiet ġew ippruvati skond il-liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 13 tal-Kap 66, l-artikoli, 17 (h0, 21, 31, 49, 50, 95(1), 96(a), 249(2), 325, 338(ee), 338 (bb) qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu inkonsiderazzjoni tliet fatti importanti:

(a) L-ewwelnett li għamel ammissjoni bikrija għaliex din saret meta ftit xhieda kienu telgħu fuq il-pedana biex jixhdu;
(b) L-imġiba ta' l-imputat fl-Awla tbiddlet sew mill-ewwel darba li deher quddiem il-Qorti kif preseduta;
(c) L-imputat għandu bżonn ta' kura kif jidher mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Mallia u li suċċint tagħha deher aktar 'il fuq.

Żgur li dina l-Qorti mhix kuntenta bil-fedina penali tiegħu u l-imputat irid jifhem li jrid joqgħod għal min jagħtih pariri siewja jew jippruva jgħinu b'kull mod jew jipprova jagħtih għajnuna medika.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 u qed tinżel taħt il-minimum impost bil-Liġi bit-tama li l-imputat japprezza li qed jingħata ċans ieħor mis-soċjeta' biex ikun persuna denja ta' l-istess soċjeta'.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija għal żmien disa'(9) xhur li minnhom għandu jinqata' l-perjodu li nżamm il-ħabs bejn it-tnax (12) ta' Novembru 2003 u t-tmintax (18) ta' Novembru, 2003 in konnessjoni mal-każ odjern.

Il-Qorti wkoll qed torbot lill-imputat li malli tispiċċa s-sentenza tiegħu, għal sena sħiħa ma jistax jersaq lejn kull persuna li hedded u dan taħt piena li jkollu jħallas mitt lira Maltija (Lm100) jekk din il-kundizzjoni tinkiser.

MAĠISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------